MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 953/1993/1

**Il-Qorti:**

**Patrick Staines bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-*Malta Stock Exchange* u Jill armla ta' Alfred Camilleri, Stephen Camilleri u Michelle Camilleri, dawn l-ahhar tlieta ghal kull interess li jista' jkollhom u b'nota tal-20 ta' April 1995, Frederick Mifsud Bonnici assuma l-atti tal-kawza fil-kwalita` tieghu ghan-nom u in rapprezentanza tal-*Malta Stock Exchange* minflok Patrick Staines**

**v.**

**David Curmi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà *Citadel Insurance Services Ltd*. u din bhala agenti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera**
***Le Assicurazioni d'Italia S.P.A. - Assitalia***

Il-Qorti,
Rat l-att ta' citazzjoni ipprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi s-socjetà konvenuta harget a favur ta' l-attur nomine *Business Travel Insurance Policy* Numru AC59 00592 006351 (Dok. A) biex tkopri impjegati tal-*Malta Stock Exchange* ghal *Accidental Bodily Injury u Medical Expenses* li jistghu jigu sofferti minnhom waqt vjaggi li jsiru minnhom in konnessjoni mal-*business* ta' l-istess *Stock Exchange*; illi fil-11 ta' Novembru 1992 is-socjetà konvenuta giet infurmata bil-miktub (Dok. B) illi Alfred Camilleri, Chairman tal-*Malta Stock Exchange*, kien sejjer jivvjagga fuq xoghol ta' l-e*xchange* fi Brussels, Brazil u Argentina tul il-perjodu tat-12 - 30 Novembru 1992; illi meta l-istess Alfred Camilleri fit-18 ta' Novembru 1992 kien il-Brazil f'incident ghereq u miet (Dok. C); li skond it-termini tal-polza imsemmija s-socjetà konvenuta hija obbligata li thallas lis-socjetà assikurata cioè lis-socjetà attrici somma ta' flus kif specifikata fl-*Schedule of Benefits* annessa ma' l-istess polza fil-kaz li l-persuni hemm imsemmija fosthom ic-Chairman Alfred Camilleri, isofri *Bodily Injury* kagjonata b'incident li jwassal ghall-mewt u dan matul il-vjagg li jsir in konnessjoni mal-*business* tal-*Malta Stock Exchange* kif gara f'dan il-kaz; illi nonostante d-dokumentazzjoni kollha fornita mill-attur nomine lis-socjetà konvenuta in sostenn tat-talba ghall-hlas taht il-polza, l-istess socjetà konvenuta qeghda illegalment u ingustament tirrifjuta illi tonora l-obbligi taghha taht il-Polza ta' l-assigurazzjoni u qeghda tichad kull responsabilità kontrattwali; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1 tiddikjara illi s-socjetà konvenuta hija obbligata thallas id-danni kollha rizultanti mill-mewt ta' Alfred Camilleri lis-socjetà attrici skond it-termini tal-Polza ta' l-assigurazzjoni Numru AC5900592006351 mahruga minnha favur l-istess socjetà attrici; l-atturi irrizervaw illi

jitolbu l-likwidazzjoni ta' l-istess danni f'gudizzju separat; bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 1993 kontra l-konvenut nomine ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata mill-attur Patrick Staines, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut nomine illi permezz taghha eccepixxa:

1. In linea preliminari fil-konfront ta' l-atturi Jill armla ta' Alfred Camilleri, Stephen Camilleri u Michelle Camilleri, is-socjetà konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni giuridika maghhom;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi kollha ghandhom jigu michuda stante illi l-hajja tas-Sur Alfred Camilleri ma kienitx koperta taht il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni fil-hin meta huwa miet kif jigi spjegat ahjar fid-dikjarazzjoni u fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju l-*Malta Stock Exchange* naqset milli tizvela fatti materjali li jaffettwaw ir-riskju kopert taht il-polza u ghalhekk ukoll it-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar, 1999 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta u laqghet it-talba attrici u iddikjarat illi s-socjetà konvenuta hija obbligata thallas id-danni kollha rizultanti mill-mewt ta' Alfred Camilleri skond it-termini tal-Polza ta' l-assigurzzjoni in kwestjoni; b'rizerva illi l-atturi jitolbu l-likwidazzjoni ta' dawn id-danni f'gudizzju separat u bl-ispejjez kollha kontra s-socjetà konvenuta, u dan wara illi ikkunsidrat hekk:

"Jirrizulta illli l-Borza ta' Malta kellha polza ta' l-assigurazzjoni mas-socjetà konvenuta, liema polza kienet tkopri d-danni personali u medici (inkluz il-mewt) sofferti minn ufficjali u impjegati taghha meta dawn ikunu qeghdin jivvjagaw fuq xoghol. B'ittra tal-11 ta' Novembru 1992 il-Borza ta' Malta infurmat lill-*broker*, li kien innegozja din il-polza mas-socjetà konvenuta, li Alfred Camilleri, c-chairman tal-*Malta Stock Exchange* ta' dak iz-zmien, kien sejjer jivvjagga f'diversi pajjizi, wiehed minnhom il-Brazil, fuq xoghol u dan ghall-perjodu mit-12 sat-30 ta' Novembru 1992. Fit-18 ta' Novembru 1992, meta l-imsemmi Alfred Camilleri kien jinsab appuntu fil-Brazil, huwa kien involut f'incident u bhala rizultat huwa ghereq u miet;

"L-atturi qed isostnu lill-imsemmi Alfred Camilleri fil-hin ta' dan l-incident kien kopert bl-imsemmija polza ta' assigurazzjoni. Huma talbu dikjarazzjoni f'dan is-sens u fl-istess hin irriservaw li jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni sofferti f'gudizzju separat;

"Fl-ewwel lok is-socjetà konvenuta qed teccepixxi illi hi ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi Camilleri. L-atturi Camilleri huma l-membri tal-familja tad-decujus Camilleri. Bhala l-armla u bhala ulied, ghalhekk eredi, ta' l-istess Camilleri, ma hemmx dubbju li huma ghandhom interess f'din il-kawza. Fic-citazzjoni qed jigi allegat illi d-decujus fil-hin tal-mewt tieghu kien kopert mill-polza ta' assigurazzjoni tas-socjetà konvenuta u ghalhekk tezisti ukoll relazzjoni guridika bejn l-atturi Camilleri u s-socjetà konvenuta. Din l-eccezzjoni ma tista' qatt tigi akkolta;

"Fil-meritu s-socjetà konvenuta qed teccepixxi illi l-imsemmi Alfred Camilleri ma kienx kopert mill-polza in kwestjoni fil-hin meta huwa miet u illi l-Borza ta' Malta ghar-rigward tal-vjagg in kwestjoni naqset milli tizvela fatti materjali li kienu jaffettwaw ir-riskju kopert taht il-polza;

"Mill-provi jirrizulta li Alfred Camilleri fil-vjagg in kwestjoni kellu jmur go varji postijiet fil-Brazil, però jidher li huwa kellu biss xoghol go Sao Paolo. In effett jirrizulta li l-incident fatali sehh mili l-boghod minn Sao Paolo u jirrizulta ukoll li meta sehh l-istess incident Camilleri kien

ma' huh u mal-familja ta' huh. Dan l-incident fatali ghalhekk sehh effettivament fil-Brazil fejn Camilleri kellu jaghmel xi xoghol, però f'parti minn dan il-pajjiz fejn jidher li Camilleri ma kellux xoghol, konness mal-Borza, x'jghamel. Jidher li huwa kien fil-post fejn sehh l-incident ghar-raginijiet familjari u privati u mhux ta' xoghol. Jista' jkun li huwa f'dak il-hin kien qed jivvisita lill-huh li possibilment kien joqod f'dik il-parti tal-Brazil;

"Alfred Camilleri kien ic-chairman tal-Borza ta' Malta meta gara dan l-incident u ghalhekk mhux kontestat li huwa kien kopert minn din il-polza ta' assigurazzjoni. Il-kwestjoni hi jekk l-istess polza kienitx effettiva fil-hin li sehh dan l-incident u fil-hin li Camilleri sfortunatament tilef hajtu. Is-socjetà konvenuta qed issostni li l-polza kienet tkopri biss vjaggar fuq xoghol konness mal-Borza u fil-hin li sehh dan l-incident Camilleri zgur li ma kienx fuq dan it-tip ta' xoghol;

"Jirrizulta li s-socjetà konvenuta infurmat bil-miktub bil-kondizzjonijiet tal-polza lill-Borza ta Malta, wara li sehh dan l-incident u meta già kienet taf b'dan l-istess incident. F'dawn ic-cirkostanzi zgur li ma tistax issir referenza ghat-termini tal-polza sabiex tigi risolta din il-vertenza. F'dan ir-rigward hemm il-perikolu li dawn it-termini gew redatti appuntu in vista tac-cirkostanzi li fihom gara dan l-incident. Konsegwentement trid issir referenza ghal dak li jirrizulta li gara in konnessjoni ma' din il-polza f'okkazjonijiet precedenti ghall-incident in kwestjoni;

"Jirrizulta li l-polza li giet negozjata kienet wahda miftuha (open) u kienet tkopri ufficjali u impjegati ohra tal-Borza kull meta dawn kienu jkunu imsifrin fuq xoghol konness mal-Borza. Meta kien ser ikun hemm safar ta' dan it-tip, il-Borza kienet tinforma l-ewwel verbalment u sussegwentement bil-miktub lill-*brokers*, li nnegozjaw il-polza, l-isem ta' l-ufficjal jew impjegat li kien ser isiefer, il-periodu tas-safra u l-pajjizi li kienu involuti fis-safra. Mhux dejjem il-*brokers* kienu jinfurmaw da parti taghhom b'dawn id-dettalji lis-socjetà assikuratrici. Fil-fatt jirrizulta li ghar-rigward tal-vjagg in kwestjoni s-socjetà assikuratrici

konvenuta ma gietx infurmata b'ebda dettalji dwar l-istess vjagg;

"F'dan ir-rigward, però, jirrizulta li ma kienx hemm ebda obbligu da parti tal-Borza li tghati dettalji dwar dawn il-vjaggi la lill-*brokers* u lanqas lis-socjetà assikuratrici. Lanqas ma jidher li kien hemm xi obbligu da parti tal-*brokers* li jghaddu xi informazzjoni li kellhom lis-socjetà konvenuta assikuratrici. Il-polza kienet *an open cover* u kienet tkopri l-vjaggi kollha konnessi max-xoghol tal-Borza li kienu jaghmlu l-ufficjali u impjegati ta' l-istess Borza. Jirrizulta li s-socjetà assikuratrici konvenuta qabel ma accettat li tohrog din il-polza, ottjeniet l-informazzjoni kollha li kellha bzonn. Difatti jirrizulta li kellha informazzjoni, fost affarijiet ohra, dwar kemm kien anticipat li kienu ser ikunu dawn il-vjaggi u liema kienu l-pajjizi involuti f'dawn il-vjaggi. Ma jirrizultax li hemm xi kwestjoni dwar din l-informazzjoni li nghatat lis-socjetà konvenuta qabel ma nharget il-polza;

"Mill-provi jirrizulta illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet li tinhareg polza li tkun tkopri l-impjegati tal-Borza ta Malta, meta dawn isiefru barra mill-pajjiz, fuq xoghol ta' l-istess Borza. Ma jidhirx li waqt dawn l-istess negozjati giet diskussa x'kella tkun il-posizzjoni tal-polza f'kaz ta' mumenti ta' skopijiet privati jew familjari fil-kuntest ta' vjagg ghax-xoghol. Ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim specifiku dwar dan bejn il-partijiet. Il-partijiet ma dahlux f'dan it-tip ta dettalji;

"Jidher li l-intenzjoni kienet li jkun hemm *travel policy* li tkopri l-persuna assikurata mill-hin li telaq minn Malta sakhemm irritorna, kemm il-darba l-iskopijiet principali tas-safra tkun raguni ta' xoghol konnessa mal-Borza. Jirrizulta illi l-vjagg in kwestjoni kien principalment intiz ghar-ragunijiet ta' xoghol u ghalhekk l-istess vjagg kollu ghandu jigi ritenut li kien kopert mill-polza in kwestjoni. Is-socjetà konvenuta ssostni li kull devjazzjoni fil-vjagg ghall-skopijiet privati u mhux ghar-ragunijiet ta' xoghol mhux inkluzi fil-polza. Jirrizulta però li din il-kwestjoni dwar devjazzjonijiet fil-vjaggi qatt ma giet imqajma fil-kors tan-negozjati;

"Jekk l-iskopijiet principali tal-vjagg kienu xogholijiet konnessi mal-Borza ta' Malta, konsegwentement il-polza kienet tkopri l-periodu kollu tal-vjagg. Incidenti li jsehhu fi granet meta ma jkunx intiz li jsir xoghol huma ukoll koperti, bhal ma huma koperti incidenti li jsehhu f'postijiet il-boghod minn fejn ser ikun jsir ix-xoghol. Jista' jkun ghalhekk li l-vjagg in kwestjoni kien hemm ghar-ragunijiet ta' xoghol kif ukoll ghar-ragunijiet privati. Li huwa importanti però hu li jirrizulta li r-raguni principali tal-vjagg kienet dik tax-xoghol u ghalhekk il-polza in kwestjoni hi applikabbli. Inoltre lanqas ma jista' jigi definittivament eskluz li Camilleri ma kienx involut jew ma kienx ser ikun involut f'xoghol konness mal-Borza fil-post fejn gara l-incident;

"Jirrizulta ukoll li l-Borza hasset li dan kien vjagg ta' xoghol u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jinghataw aktar dettalji minn dawk li nghataw lill-*brokers*. Jirrizulta li kien hemm okkazjoni precedenti l-*brokers* gew infurmati dwar certi cirkostanzi li possibilment ma kienux jinkwadraw ruhhom fit-termini negozjati tal-polza u f'dan ir-rigward saru l-aggustamenti necessarji u kellu jithallas *premium* addizzjonali. Jidher ghalhekk li l-Borza kienet qed tikkonsidra li dan il-vjagg kien essenzjalment u principalment wiehed ta' xoghol;

"Jigi rilevat fl-ahhar nett li l-fatt li s-socjetà konvenuta hallset *claim* taht polza ohra hu ghal kollox immaterjali u irrilevanti ghal finijiet ta' din il-kawza;

"In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta ghandhom jigu respinti, filwaqt li t-talba attrici ghandha tigi akkolta;"

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut nomine illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla l-imsemmija sentenza tat-28 ta' Jannar, 1999 u minflok, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà appellanti, tichad it-talba ta' l-atturi appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom;

Rat ir-risposta ta’ l-atturi appellati illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u l-appell tal-konvenut nomine ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut nomine kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-ewwel (1) eccezzjoni tieghu illi huwa ma kellu ebda relazzjoni guridika ma’ l-atturi Jill Camilleri, Stephen Camilleri u Michelle Camilleri;

2. Fi kliem ir-rikors ta’ appell:
“Ir-raguni principali li ghaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet l-eccezzjonijiet fil-meritu kienet illi peress illi l-polza nghatat lis-socjetà attrici wara l-incident, il-kawza ma setghetx tigi decisa ghab-bazi tal-polza!

“Din hija manifestament enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi”;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel ma jigu ikkunsidrati l-aggravji tal-konvenut nomine, huwa utili illi jigi konstatat illi il-korrezzjoni fl-*occhio* tar-rikors ta’ appell, illi esigew l-atturi appellati fl-ewwel (1) paragrafu tar-risposta ta’ l-appell taghhom (fol. 301), giet awtorizzata b’digriet ta’ dina l-Qorti moghti waqt l-udjenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru, 2000 (fol. 314);

Ikkunsidrat:

Illi, in sostenn ta’ l-ewwel (1) aggravju tieghu, il-konvenut nomine jghid biss illi l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel (1)

eccezzjoni tieghu ghaliex, fi kliem ir-rikors ta' appell (fol. 291):
"… sostniet illi 'ma hemmx dubju li huma [*i.e*. l-atturi Jill Camilleri, Stephen Camilleri u Michelle Camilleri] ghandhom interess f'din il-kawza'. Dan l-interess mhux kontestat. Però, il-fatt hu illi l-assigurat taht il-polza hija s-socjetà attrici u mhux l-atturi l-ohra. Ghalhekk ir-rapport guridiku naxxenti mill-polza huwa mas-socjetà attrici biss u ma jesisti ebda rapport guridiku ma' l-atturi l-ohra. Jista' jesisti rapport guridiku iehor bejn dawn ta' l-ahhar u s-socjetà attrici - illi, però, is-socjetà konvenuta hija estranea ghalih. Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta kellha tigi akkolta";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta setghet, forsi, tigi akkolta kieku l-kawza odjerna giet istitwita mill-atturi Camilleri biss kontra s-socjetà konvenuta. Dan, però, mhux il-kas. Infatti, l-attrici principali f'din il-kawza hija l-*Malta Stock Exchange*, illi favur taghha inharget il-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni, u l-atturi Camilleri illi, kif jirrizulta mis-silta appena citata mir-rikors ta' appell, il-konvenut nomine jammetti illi 'ghandhom interess f'din il-kawza'. Huwa proprju minhabba dan l-interess illi l-imsemmija Camilleri huma atturi fil-kawza odjerna u qed jippartecipaw fl-istess kawza bhala atturi 'ghal kull interess li jistgha jkollhom' (fol. 1);

Ghalhekk, l-ewwel (1) aggravju tal-konvenut nomine ma jimmeritax illi jigi akkolt;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors ta' appell il-konvenut nomine jibda s-sottomissjonijiet tieghu dwar it-tieni (2) aggravju bil-mod segwenti (fol. 291):
"… Ic-citazzjoni tas-socjetà attrici hija bbazata unikament u esklussivament fuq il-polza. L-ewwel premessa fic-citazzjoni taghmel riferenza ghall-polza illi hija l-ewwel dokument illi huwa ezebit.

"L-unika talba fic-citazzjoni hija s-segwenti:

‘1. Tiddikjara illi s-socjetà konvenuta hija obbligata illi thallas d-danni kollha risultanti mill-mewt ta’ Alfred Camilleri lis-socjetà attrici skond it-termini tal-Polza ta’ l-assikurazzjoni Numru AC 590059200 6351 mahruga minnha favur l-istess socjetà attrici’ …;

“Kif tista’ Qorti tintalab tiddeciedi l-kawza skond it-termini tal-Polza u minflok tiddecidiha a bazi ta’ xi haga ohra?”

Huwa ovvju illi hawnhekk ir-riferenza hija ghas-segwenti silta mis-sentenza appellata (fol. 286):
“Jirrizulta li s-socjetà konvenuta infurmat bil-miktub bil-kondizzjonijiet tal-polza lill-Borza ta Malta, wara li sehh dan l-incident u meta già kienet taf b’dan l-istess incident. F’dawn ic-cirkostanzi zgur li ma tistax issir referenza ghat-termini tal-polza sabiex tigi risolta din il-vertenza. F’dan ir-rigward hemm il-perikolu li dawn it-termini gew redatti appuntu in vista tac-cirkostanzi li fihom gara dan l-incident”;

Minn qari ta’ din is-silta biss mis-sentenza appellata *prima facie* jirrizulta illi l-konvenut nomine ghandu ragun kwantu ghall-aggravju tieghu in ezami. Però, minn qari tal-kumplament ta’ l-istess sentenza jirrizulta illi fis-sostanza ma ghandux ragun ghaliex, fir-realtà, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi tilqa’ t-talba attrici fid-dawl tat-“termini tal-Polza” ta’ assigurazzjoni in kwistjoni kif jirrizultaw mid-dokument markat ‘A’ esibit ma’ l-att ta’ citazzjoni (fol. 6 sa 27). Infatti, filwaqt illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi t-termini ta’ l-imsemmija polza ta’ assigurazzjoni illi huma l-aktar rilevanti sabiex jigi determinat jekk l-incident illi fih tilef hajtu Alfred Camilleri, *già* Chairman tal-*Malta Stock Exchange*, kienx kopert bl-istess polza, huma s-segwenti:
‘*Insured Journey means any time during the Period of Insurance whilst an Insured Person is travelling in connection with the Insured’s business to a destination outside the Insured Person’s country of domicile*’ (fol. 9);

u

'*Operative Time of Cover: Whilst on business trips only in connection with the Insured's Business*' (fol. 10),

fis-sentenza appellata jinghad hekk (fol. 286):
"Jirrizulta li l-polza li giet negozjata kienet wahda miftuha (*open*) u kienet tkopri ufficjali u impjegati ohra tal-Borza kull meta dawn kienu jkunu imsifrin fuq xoghol konness ma l-Borza. …;
"…;
"Mill-provi jirrizulta illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet li tinhareg polza li tkun tkopri l-impjegati tal-Borza ta' Malta, meta dawn isiefru barra mill-pajjiz, fuq xoghol ta' l-istess Borza" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Mhux l-istess jirrizulta mit-'termini' tal-polza ta' assikurazzjoni dokument 'A' citati hawn fuq?

Immedjatament wara l-parti appena citata mis-sentenza appellata fl-istess sentenza jinghad hekk:
"Ma jidhirx li waqt dawn l-istess negozjati [illi wasslu ghall-hrug tal-polza dokument 'A'] giet diskussa x'kella tkun il-posizzjoni tal-polza f'kaz ta' mumenti ta skopijiet privati jew familjari fil-kuntest ta vjagg ghax-xoghol. Ghalhekk ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim specifiku dwar dan bejn il-partijiet. Il-partijiet ma dahlux f'dan it-tip ta dettalji";

Fil-fehma ta' dina l-Qorti dak illi jinghad fl-ahhar silta citata mis-sentenza appellata jghodd anke jekk jittiehed in konsiderazzjoni l-kontenut tal-polza dokument 'A', senjatament tal-partijiet ta' l-istess polza citati aktar 'l fuq;

Dan premess, imiss illi titpogga d-domanda: l-ewwel Qorti kienet korretta illi tikkonkludi illi l-incident illi wassal ghall-mewt ta' l-imsemmi Alfred Camilleri kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni u illi, konsegwentement, it-talba attrici kellha tigi milqugha? Fil-fehma ta' dina l-Qorti, wara illi ezaminat sewwa l-provi kollha prodotti u l-atti processwali, komprizi n-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti,ipprezentati quddiem l-ewwel Qorti, ir-rikors ta' appell - illi parti sostanzjali tieghu hija ripetizzjoni, hafna drabi kelma b'kelma, ta' dak illi jinghad fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut nomine (fol. 276 sa 287) - u

r-risposta ghalih, kif ukoll it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-kontendenti quddiemha - diversament komposta - waqt l-udjenza tal-hdax (11) ta’ Gunju, 2002 (fol. 323 sa 357, ara ukoll fol. 360), ir-risposta ghad-domanda posta hija fl-affermattiv;

Dina l-Qorti tista’ tieqaf hawn, tirrespingi l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata izda ma hijiex sejra taghmel hekk ghaliex hija tal-fehma illi huwa gust illi tikkummenta dwar is-segwenti silta mir-rikors ta’ appell illi, evidentement, ma tinsabx fl-imsemmija nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut nomine (fol. 298):
“*Dato ma non concesso*, illi l-kawza kellha tigi decisa kif ddecidietha l-ewwel Onorabbli Qorti, la darba l-Qorti ikkonstatat mill-provi illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet indubbjament illi l-polza kellha tkopri l-impjegati tal-Borza ta’ Malta meta dawn isiefru fuq xoghol ta’ l-istess Borza u li qatt ma giet diskussa x’kellha tkun il-posizzjoni f’kas ta’ vjagg li kien jikkomprendi xoghol kif ukoll skopijiet privati, il-konklusjoni logika li kellha tasal ghaliha l-ewwel Onorabbli Qorti kienet illi l-parti tal-vjagg illi ma kellhiex x’taqsam ma’ xoghol ma kienitx koperta.

“Izda lanqas ghal din il-konklusjoni ma waslet l-ewwel Onorabbli Qorti.

“Waslet *invece* ghal konklusjoni illi f’tali sitwazzjoni, il-persuna assikurata tkun koperta ghall-vjagg kollu kemm il-darba l-iskop principali tas-safra jkun xoghol.  Din hija konkluzjoni manifestament zbaljata.

“Izda anke kieku, ghal grazzja ta’ l-argument kellu jigi koncess ukoll illi dan ir-ragunament kien korrett, il-konkluzjoni l-ohra li l-vjagg in kwistjoni kien principalment fuq xoghol hija manifestament skorretta”;

Mhux kontestat bejn il-kontendenti illi l-vjagg ta’ l-imsemmi Alfred Camilleri, assikurat taht il-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni, kellu jkun bejn it-tnax (12) u t-tletin (30) ta’ Novembru, 1992 u illi l-istess Alfred Camilleri kellu jattendi laqghat konnessi max-xoghol tal-*Malta Stock Exchange* fi Bruxelles, Belgju bejn it-12 u t-13 ta’ Novembru, 1992,

f’São Paolo, Brazil fl-20 ta’ Novembru, 1992 u bejn it-23 u l-24 ta’ Novembru, 1992 f’Buenos Aires, Argentina. Huwa miet f’Ilhéus, Brazil, fit-18 ta’ Novembru, 1992 waqt illi kien qed jghum ma’ huh. Hija l-kontenzjoni tal-konvenut nomine illi fil-mument meta gara l-incident fatali in kwistjoni il-polza ta’ assikurazzjoni imsemmija ma kienitx vigenti ghaliex dak il-hin Alfred Camilleri ma kienx qed jivjagga fuq xoghol. Dina l-Qorti ma taqbilx ma’ din il-kontenzjoni. Il-fatt illi wara illi spiccat l-imsemmija laqgha f’Bruxelles Alfred Camilleri ma irritornax Malta izda ghazel illi jmur São Paolo permezz ta’ itinerarju illi hadu Londra u kellu jikkomprendi sosti fi bliet ohra, kollha fil-Brazil u kollha fir-rotta lejn São Paolo (ara mappa a fol. 211), u l-fatt illi waqt dawn il-waqfiet Alfred Camilleri iltaqa’ ma’ huh illi kien jghix il-Brazil ma jirrendux il-vjagg relattiv, jew, almenu il-parti tieghu ta’ bejn l-14 u 19 ta’ Novembru, 1992, wiehed illi mhux konness max-xoghol tal-*Malta Stock Exchange*. Ma hemm xejn fil-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni illi minnu jista’ jigi dedott illi sabiex jasal São Paolo Alfred Camilleri kien obbligat illi jsegwi xi itinerarju illi jimpjega l-anqas zmien possibbli u illi jinvolvi l-anqas numru ta’ titjiriet u sosti. Fuq kollox, Alfred Camilleri seta’ ghazel illi jaghmel il-parti tal-vjagg fis-Sud-Amerika illi kellha twasslu São Paolo permezz tal-ferrovija jew b’mezzi ohra ta’ trasport anqas veloci. Kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, saret din l-ghazla u Alfred Camilleri tilef hajtu f’incident waqt il-vjagg relattiv, ghandu jigi konkluz illi dan l-incident mhux kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni? Certament illi le! Ghalhekk, ma jistax jigi argumentat illi, peress illi l-incident fatali avvera ruhu waqt wahda mis-sosti illi effettivament ghazel illi jaghmel Alfred Camilleri fil-vjagg tieghu lejn São Paolo, il-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni ma tkoprix l-istess incident. *Inoltre*, kieku kellu jigi ipotizzat illi wara il-laqgha ta’ Bruxelles Alfred Camilleri mar direttament São Paolo, fejn wasal fil-15 ta’ Novembru, sabiex jattendi ghall-inkontru illi kellu ippjanat fl-20 ta’ Novembru, u fit-18 ta’ Novembru - minflok ma miet f’Ilhéus - miet f’incident f’São Paolo, forsi fis-*swimming pool* tal-lukanda fejn kien alloggjat, dan l-incident ma kienx ikun kopert bil-polza ta’ assikurazzjoni in kwistjoni? Certament illi kien ikun kopert;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut nomine u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut nomine appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------